MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 68/2003

**Eurocargo Freight Services Limited**

**Vs**

**Combinati Transport Services Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta’ attrici l-ammont ta’ tlett elef u hamsin Liri Maltin u disghin centezmu (Lm3,050.90), liema ammont jirrapresenta f’invoice value tal-merci u survey kif ukoll spejjez inkorsi ghar-rimi ta’ pallet pink salmon portions u ta’ pallet Dim Sum Mix illi ma gewx ikkonsenjati fil-kundizzjonijiet mehtiega kif miftiehma skond il-kuntratt ta’ garr bejn is-socjeta’ konvenuta u s-socjeta’ attrici, liema konsenja twasslet f’Malta u giet ikkonsenjata fit-8 ta’ Lulju 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi fl-ewwel lok ma hemm l-ebda relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut u dan billi l-konvenuti kienu qed jagixxu bhala agenti tad-ditta Worthy NV u mhux f'isimhom proprju;

Illi fit-tieni lok ma kien hemm l-ebda negligenza jew tort da parti tal-konvenuti fit-trasport tal-oggetti in kwistjoni u ghalhekk ma jistghux jinzammu responsabbli ghall-ebda danni;

Illi fit-tielet lok trid issir il-prova mill-atturi tad-danni sofferti u tal-likwidazzjoni taghhom fl-ammont pretiz.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici a fol 116 et seq ibid li baqghet minghajr risposta da parti tas-socjeta' konvenuta.

Semghet it-trattazzjoni fil-qasir da parti tas-socjeta' konvenuta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>George Vassallo</u> (fol 14 et seq ibid) prodott mis-socjeta' attrici spjega illi din is-socjeta' kienet giet mitluba minn ohra li mhux parti f'din il-kawza, sabiex iggibilha xoghol mill-Olanda konsistenti fi tlett partiti differenti izda kollha tal-friza, ghalhekk, ix-xhud "… ghaddejt dan ix-xoghol lil Combinati Transport Services Limited sabiex tesegwih". Ix-xhud specifika illi l-prodotti in kwistjoni "… kellu jkollu temperature kkontrollata" b'liema punt kienet giet infondata minn s-socjeta' konvenuta. Pero, meta l-istess merkanzija waslet f'Malta, instab li minflok temperature ta' "-20", kien hemm temperature ta "+16". Difatti l-klijent tas-socjeta' attrici informa lix-xhud illi "… ix-xoghol ma kienx skond it-temperatura li suppost" ghalhekk il-partijiet invouti f'dan il-kaz kienu inkarigaw "surveyor", Paul Ellul MSB kif ukoll persuna teknika inkarigat mis-socjeta' attrici sabiex jaghmlu rapport dwar l-akkadut. Sadattant, oltre li

ntbaghtet id-dokumentazzjoni kollha lis-socjeta' konvenuta, dik attrici kienet talbet dak kollu dovut lill-istess socjeta' konvenuta in konnessjoni mat-trasport ghax fi kliem l-istess xhud "… ghax dmiri". Pero, meta s-socjeta attrici kienet baghtet lil dik konvenuta, l-kont in konnessjoni mad-danni involuti, is-socjeta' konvenuta permezz ta' Joseph Attard, "… irreferini ghat-trasportatur tieghu li jiena biss lanqas kont nafu jew smajt bih, certu WORTHY NV". Difatti, hu qatt ma kien sema' bil-kumpanija estera msemmija qabel dan il-kaz lanqas minn korrispondenza (ara ukoll ix-xhieda ta' Anthony Psaila a fol 18 et seq ibid).

Illi a fol 26 et seq ibid jinsab l-imsemmi "survey report" redatt minn Paul Ellul (fol 74 et seq ibid) minn fejn jirrizulta illi, vis-à-vis zewg prodotti cjoe salamun u "Dim Sun Mix" ossija "chicken", dawn kienu "total loss" u dan kagunat minn transport "f'temperatura aktar gholja minn dik aktarx kif suppost (ara fol 29 u fol 30 ibid). L-istess surveyor meta xehed, dan b'mod specjali rrefera ghal dak li ntqal mill-bniedem tekniku, Domenic Saywell (fol 82 ibid) bir-rapport ta' dan (ara fol 34 ibid) u li kien l-istess "Surveyor" "… dan ir-rapport kien sab li l-container kien sprovvist minn 'gas' u ghalhekk ma setghax jiksah". Bhala konsegwenza ta' dan kemm is-salamun kemm il-prodott "Dim Sum Mix" kienu gew distrutti u ntremew" (ara ukoll dawk dan l-'affidavit ta' Carmel sive Charles Cremona a fol 80 ibid).

Ikkunsidrat

Illi Joseph Attard (fol 90 u fol 99 et seq ibid) direttur tas-socjeta' konvenuta xehed illi is-socjeta' attrici kienet taghti xoghol lil dik rappresentanta minnu meta dik tal-ewwel "… ma setghax igorru". Inoltre s-socjeta' konvenuta l-aktar li hi involuta hu fil-garr ta' 'temperature control cargo" mill-estern. Hu jsostni illi s-socjeta' attrici kienet, bilfors, taf ".. illi jiena kont qieghed nagixxi bhala agent" tad-ditta estera "Worthy N.V". Dwar il-merkanzija in esami, meta kien tkellem ma George Vassallo ('vide supra') hu kien informah illi "… ahna ngorru on a CMR condition" u mhux … 'all risk' " u difatti l-istess George Vassallo kien qallu illi

kien ser jiehu hsieb dwar assikurazzjoni f'dan ir-rigward. Minhabba hekk, wara li l-istess George Vassallo kien informah dwar il-hsara fil-merkanzija ix-xhud kien qallu li hu ma kellux x'jaqsam ma' din il-kwistjoni. Inoltre hu kien ta' lit-tifel ta' George Vassallo, James, l-indirizz tas-socjeta' estera msemmija kif ukoll in-numru tal-istralcarju nominat stante li l-istess socjeta 'estera kienet 'in liquidation". <u>In kontro esami</u> dan ix-xhud qal li, <u>minghalih</u>, meta s-socjeta' konvenuta kienet baghtet il-kont tas-servizz rez lil dik attrici, "… kien hemm imnizzel "as agents of worthy". Pero, sussegwentement, hu qal illi ".. .fil-fatt ma konna niktbu mkien li qed nagixxu ghas-socjeta' estera Worthy u fil-fatt, l-'invoices' kienu johorgu fuq 'letter heads' taghna biss". Inoltre fl-ahhar tar-ri esami tieghu hu qal "S'intendi mhux jiena ffirmajt l-'agreemnt CMR' izda l-istess kumpanija barranija".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mill-premess is-socjeta' konvenuta qed tikkontendi, principalment, li ma hemm ebda relazzjoni ta' fatt jew guridika bejn il-kontendenti. Pero mill-provi jirrisulta, b'mod car, illi s-socjeta' attrici kienet lahqet ftehim ma' dik konvenuta u mhux ma' din tal-ahhar bhala in rappresentanza ta' terza persuna. Dan jidher bhala fatt anke minn kif xehed l-imsemmi Joseph Attard li stqarr illi meta kien intbaghat il-kont, ma kienx hemm indikat, b'mod car u inekwivoku, li s-socjeta' konvenuta kienet qed tagixxi u titlob il-hlas f'isem is-socjeta' estera imsemmija (ara per esempju n-'notices of arrival' (a fol 39 u 47 ibid). Dan il-punt hu rinforzat mill-fatt illi s-socjeta' attrici kienet hallset lil dik konvenuta ghas-servizzi rezi minn din u mhux lid-ditta barranija msemmija. Ghalhekk wiehed ghandu jikkontendi illi f'dan il-kaz ma kien hemm ebda relazzjoni diretta bejn is-socjeta' attrici u dik estera izda relazzjoni kemm guridika kemm ta' fatt bejn il-kontendenti f'dan il-kaz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-meritu, ma hemm ebda dubbju illi f'dan il-kaz id-danni kagunati fil-merkanizija, kif spjegat fl-imsemmi

"survey report" kien risultat ta' fluttwazzjoni fit-temperatura fis-sens illi l-istess merkanzija ma gietx trasportata fit-temperatura adatta u dan minhabba li l-apparat li jkessah kien sprovvist minn "coolant gas". Bhala konsegwenza ix-xoghol involut kellu jintrema. Ghalhekk gie pruvat illi s-socjeta konvenuta kienet negligenti fit-trasport tal-istess merci li gew distrutti u din ghandha tirrispondi ghall-istess danni kawzati mis-socjeta' estera inkarigata minn dik konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-'quantum' mitlub fl-avviz in esami, dan jirrisulta, principalment, mis-'survey report' imsemmi kif ukoll mill-fatt illi s-socjeta konvenuta ma gabet ebda prova in kontestazzjoni fuq dan il-punt.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta waqt li tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm3,050.90 ossija €7106.69 bl-imghax legali mit-8 ta' Lulju 2002 sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------